**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 29 ta' Jannar 2024

Każ Numru: 1021/2006

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Rennie Stivala)

**Vs**

**Emmanuel Spiteri**

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Emmanuel Spiteri** ta' 43 sena, imwieled iż-Żejtun fl-24 ta' Diċembru 1962 u residenti 69, Triq il-Kbira, Żejtun detentur tal-karta tal-identità bin-numru 12363M, akkużat talli f' Ġunju 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula riżoluzzjoni waħda:

1. irrendejt ruħek kompliċi ma' Patrick Spiteri fir-reat ta' korruzzjoni, billi kkorrompejt lill-istess Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Eżekuttiva fil-kapaċità tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 115 u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
   (Dan bi ksur tal-artikolu 18 u 120 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, wiegħedt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lill xi persuna oħra, u cioe lil-Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Eżekuttiva, li asserixxiet jew ikkonfermat li huwa jew hija kienu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedu uffiċjali tal-Pulizija, sabiex iġiegħel lil dawk l-uffiċjali tal-Pulizija jeżerċitaw dik l-influwenza;
(Dan bi ksur tal-artikoli 18 u 121A(1) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamilt jew ppruvajt tagħmel jew b'xi mod kellek x'taqsam ma' l-egħmil ta' xi mħatra magħduda li għandha x'taqsam ma' xi logħba, sport jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor, jew li kont preżenti fil-post fejn kienet qed issir xi mħatra bħal dik;
(Dan bi ksur tal-artikoli 18 tal-kapitolu 9 u artikolu 6 tal-kapitolu 438 tal-liġijiet ta' Malta)

4. u aktar talli, fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamilt lottu klandestin jew ġbart il-flus tal-ġugati fuqu, jew b'xi mod għand jew ħajjart f' daqshekk;
(Dan bi ksur tal-artikoli 18 tal-kapitolu 9 u artikolu 12 tal-kapitolu 70 tal-liġijiet ta' Malta)

u b'hekk int, Emmanuel Spiteri, sirt reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta b' diversi sentenzi mogħtija mill-qorti tal-maġistrati (Malta) diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti;

Il-qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

Il-prosekuzzjoni eżebiet estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Emmanuel Spiteri;

Rat li wara li sar l-eżami l-imputat skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta l-imputat wieġeb mhux ħati;

Rat nota tal-kummissarju tal-pulizija tal-31 ta' Lulju 2006 li biha skond l-artikolu 74(2) tal-kapitolu 438 kien ta l-kunsens tiegħu sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-imputat dwar ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-29 t'April 2009 wara li ngħalqet il-kompilazzjoni kif hemm maħsub fl-artikolu 370(3)(a) li biha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-qorti tal-maġistrati dwar dak li hemm maħsub:

a) fl-artikoli 18, 42, 115, u 120 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;
b) fl-artikoli 18, 121(A)(1) tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;
c) fl-artikoli 18 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 5, 6, 67, 72, 73 u 74 tal-kapitolu 438 tal-liġijiet ta' Malta;
d) fl-artikoli 18 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 12, 17, 18, 19, u 20 tal-kapitolu 70 tal-liġijiet ta' Malta;
e) fl-artikoli 49, 50, u 51 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;
f) fl-artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2020 l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-kawża titkompla bi proċedura sommarja.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi waqt is-seduta tal-19 ta' Ġunju 2023 il-Prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil-Qorti kif presjeduta mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti.

Rat illi fis-seduta tat-17 ta' Frar 2020, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020, id-difiża ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq.

Rat ukoll li dakinhar l-avukat difensur issottometta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat dok IA7 a fol 23 hija ammissibbli bħala prova stante li meħuda mingħajr ma l-imputat kellu l-opportunità li jikkonsulta jew li jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx tagħha u konsegwentement din il-prova għandha tiġi skartata.

Rat in-nota tal-avukat difensur tal- 21 ta' Diċembru 2021 li biha informa l-qorti illi l-uffiċjal pubbliku is-Supretendent Patrick spiteri kien ġie lliberat mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll in-nota responsiva tal-kummissarju tal-pulizija f'dan ir-rigward tal-4 ta' Jannar 2022.

Rat li waqt is-seduta ta' 19 ta' Ġunju 2023 quddiem din il-qorti kif preseduta il-partijiet kienu qablu li dawn iż-żewġ kwistjonijiet jiġu ttrattati mil-Qorti fis-sentenza finali.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet ta' nhar it-3 ta' Lulju 2023.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-ispettur Ian Joseph Abdilla** xehed kif huwa kien ingħata struzzjonijiet sabiex jarresta lil Emmanuel Spiteri fuq investigazzjoni dwar tixħim għalhekk Supretendent tal-pulizija Patrick Spiteri. Huwa kien ingħata tagħrif tal-vetturi l-imputat hu fl-erbgħa u 20 ta' Ġunju kien arresta ġewwa ż-Żejtun u saritlu tfittxija fir-residenza tiegħu kif ukoll fil-vetturi msemmija huwa kien kellem lill-imputat jagħraf fl-awla u kien ammetta max-xhud li għadda ammont konsiderevoli ta' flus sabiex l-ex Supretendent Patrick Spiteri jgħinu fl-attività illegali li huwa kellu ta' bejgħ ta' biljetti tal-logħob tal-lottu b'mod illegali. Ix-xhud ippreżenta seduta stante flejjes mgħoddija lilu minn Emmanuel Spiteri kif ukoll mobile, u envelop numru ta' dokumenti li kienu ttieħdu mingħand l-

imputat. Xhud ippreżenta wkoll stqarrija tal-imputat li kienet ittieħdet fil-25 ta' Ġunju 2006 fil-preżenza tas-surġent 1116 Timothy Zammit. Xehed kif ċertu Gejtu Zerafa kien introduċieh mas-Supretendent Patrick Spiteri u dan wara li l-imputat kien ġie arrestat fuq logħob klandestin. L-imputat ried jieqaf u ma jkomplix fl-attività illegali tal-logħob klandestin, u dan Gejtu Zerafa kien ipperswadih u ssuġġerielu biex jgħaddilu s-somma ta' ħamsa u għoxrin Lira Maltin (LM25) fix-xahar biex ikun jista' jgħaddihom lis-Supretendent Patrick Spiteri sabiex jgħinu f'din l-attività illegali. L-imputat kien qal lix-xhud li rċieva xi telefonati ta' avviż mill-pulizija dwar rejd li kienu se jsiru fi ġranet partikolari, biex huwa joqgħod attent.

2. **L-istqarrija tal-imputat Emmanuel Spiteri** tal-25 ta' Ġunju 2006

3. **Is-Surġent 494 Gordon Borg** xehed kif fl-erbgħa u 20 ta' Ġunju ta' l-elfejn u 6 ingħata struzzjonijiet biex ifittex lil Emmanuel Spiteri u fil-fatt sabu fiż-Żejtun kienet saret tfittxija fuq mutur u fuq vettura hu instabu xi flus imbagħad kien ittieħed l-uffiċċju għall-aktar stħarriġ.

4. **Is-Surġent 1116 Timothy Zammit** xehed li kien għaraq l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u l-firma tiegħu u kkonferma l-imputat kien ingħata twissija qabel ma rrilaxxa l-istqarrija.

5. **Surġent 656 Adrian Lia** xehed kif fl-erbgħa u 20 ta' Ġunju 2006 kien ingħata struzzjonijiet sabiex jarrestaw lil Emmanuel Spiteri, u huma kienu sabu l-imputat iż-Żejtun għall-ħabta tas-sagħtejn. Kien ingħata s-soltu twissija dwar l-arrest u d-dritt li ma jweġibx għal ċertu domandi. Huwa qal li kienet saret tfittxija fuq il-mutur tiegħu kif ukoll fuq vettura. Fil-kaxxa tal-mutur kienu nstabu diversi affarijiet bħal boroż u karti li kien fihom ammonti ta' flus ġo fihom kif ukoll ismijiet miktubin fuq il-boroż kienet saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn instabu diversi karti u flus li kienu relatati mal-logħob illegali liema affarijiet ġew elevati. Dan huwa ikkonfermat ukoll fir-rapport ippreżentat mix-xhud.

6. **Gaetano Zerafa** xehed li kien jaf lis-supretendent Patrick Spiteri u kien fil-fatt laqqgħa lill-imputat imma l-imsemmi supretendent. Ix-xhud qal kien ċertu Nardu li jbiegħ il-ħaxix li talbu biex ilaqqa' lill-imputat mas-supretendent. Qal ukoll li kull xahar kien

imur ħdejn Nardu li kien itigħ il-flus, li kienu jkunu LM25 tiegħu, u LM25 tal-imputat, biex jgħaddihom lis-supretendent Patrick Spiteri. Huwa jgħid li kien jgħaddi l-flus skond ma kien jgħidlu Nardu. Jgħid li l-imputat qatt ma kien ikun preżenti fuq il-post meta ix-xhud kien jiġbor il-flus. Jgħid illi dan il-proċess dam għaddej xi 6 snin. Ix-xhud jgħid illi dan Nardu apparti li kien ibigħ il-ħaxix kien jagħmel xi lottu fuq l-idejn, u dan skont ma qallu Nardu stess. Ix-xhud ma kienx jaf jekk l-imputat kienx jagħmel lottu klandestin jew le. Jgħid ukoll li darba kien iltaqa' mas-Supretendent Patrick Spiteri il-belt b'kumbinazzjoni, u dan kien qallu "għid lill-Leli biex ma jħallix iżjed flus". Meta imbagħad ix-xhud għadda il-messaġġ tas-supretendent lill-imputat, huwa ftakar li l-imputat kien staqsih jekk is-supretendent min għandu biss ma rridx iktar flus, u ried ikun jaf għalfejn is-supretendent ma riedx aktar flus.

7. **Bernard Zarb bħala rappreżentant tal-Lottery and Gaming Authority** xehed illi l-imputat ma kellux liċenzja mal-awtorità biex jagħmel jew jorganizza xi logħob.

8. **Martin Bajada** bħala espert tekniku maħtur mill-qorti ppreżenta l-ewwel relazzjoni tiegħu fir-rigward tal-kontenut tal-mobajl, u sussegwentement ippreżenta relazzjoni oħra dwar analisi komparattiva ta' diversi dokumenti elevati mingħand l-imputat u kampjun tal-kitba tal-imputat. L-espert jikkonkludi li l-kitba tal-kampjun meħud mingħand l-imputat meta mqabbla mad-dokumenti elevati, jirriżulta li din il-kitba saret mill-istess id, ħlief għall-okkażjoni waħda fir-rigward tal-kitba fuq Dok IA3[8].

9. **Brian Farrugia bħala rappreżentant l-Awtorita dwar it-Trasport** xehed dwar żewġ vetturi involuti u kkonferma li dawn kienu reġistrati f' isem l-imputat.

10. **Leonard Cachia** kien itella jixhed f'żewġ okkażjonijiet. Fl-ewwel okkażjoni kien għażel li jeżerċita d-dritt tiegħu sabiex ma jixhidx. It tieni darba kien xehed li huwa kellu kawża fuq l-istess każ li llum għaddiet in ġudikat. Kien sar jaf lill-imputat fit-tiġrijiet taż-żwiemel. Lis-supretendent Patrick Spiteri kien jafu ukoll. Jgħid li kien mar ċertu Gejtu Zerafa u talbu xi flus liema flus kien ser jagħtihom lis-supretendent. Ix-xhud jgħid li l-imputat kien ġablu xi flus biex jagħtihom lil Gejtu Zerafa f' xi tnejn jew tliet okkażjonijiet. L-imputat kien qallu għandu jiġi Gejtu, għaddihomlu. Hu jgħid li b' kollox l-imputat kien taħ mhux iktar minn ħamsin (50) lira Maltin. Jgħid li s-Supritendent Patrick Spiteri qatt ma ssemma. Hu ma kienx jaf x'kien jagħmel bil-flus li

kien jgħaddilu. Ix-xhud jgħid li hu kien ġie akkużat fuq lottu klandestin. Huwa ma kienx jaf x'jagħmel l-imputat, u dan qatt ma għenu biex jagħmel il-lottu u fil-fatt għandu dubju jekk l-imputat kienx jaf li x-xhud jagħmel il-lottu.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-difiża għażlet li ma tressaq l-ebda xhud. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-ammissibilta tal-istqarrija tal-imputat Emmanuel Spiteri** tal-25 ta' Ġunju 2006

Din il-Qorti għandha quddiema talba tad-difiża sabiex l-stqarrija tal-imputat Emmanuel Spiteri tal-25 ta' Ġunju 2006 tiġi skartata minħabba li uffiċjal investigattiv ma tagħax id-drittijiet lil persuna investigata, fi żmien meta dan ir-rekwiżit ma kienx espressament dettat fil-liġi.

Illi jirriżulta li meta l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, dan ma kellu l-ebda d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur legali, la qabel u anqas waqt ir-rilaxx tal-istqarrija u dan għaliex dawn id-drittijiet sa qabel l-10 ta' Frar, 2010, ma kienux infurzati.

Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għal uħud mis-sentenzi li indirizzaw kwistjonijiet rigwardanti l-ammissibilita' o meno tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat:

Fis-sentenza **il-Pulizija vs. Esron Pullicino,** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali datata 12 ta' April 2011, l-imputat kien irrilaxxa stqarrija nhar is-26 ta' Frar, 2006, meta dan ma kienx assistit minn avukat, la qabel u lanqas wara l-interrogazzjoni. In oltre, il-Qorti qalet is-segwenti:

> *'Minn eżami tal-fatti kif jemerġu f'dan il-każ, għalhekk jirriżulta suffiċjentement pruvat li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ġie vvjolat kemm fuq bażi oġġettiva kemm ukoll mill-aspett ta' "self-incriminating evidence". Fil-mument li ġie interrogat l-appellat u meta rrilaxxja l-istqarrija mal-uffiċjal*

*konċernat kienet tipprevali "a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions". (Boz v. Turkey 9.02.2010, u Dayanan v. Turkey 13.10.2009).'*

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonkludiet illi kienu ġew leżi d-drittijiet ta' Esron Pullicino għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6(3)(c) konġuntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta dan ma kienx assistit minn Avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxja stqarrija. Dan il-każ sussegwentament tkompla quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u fis-sentenza tagħha datata 2 ta' Novembru 2011, l-Qorti għamlet referenza għall-kawża oħra simili ħafna għal dik ta' Pullicino:

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti mogħti illum fis-7 t'Ottubru 2011 fejn iddikjarat illi r-rimedju li għandu jingħata għal ksur ta' smiegħ xieraq ta' l-imputat:

*...huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha il-Pulizija v. Alvin Privitera deċiża nhar il-11 ta' April 2011, u li kienet titratta każ prattikament identiku għal dak odjern. ... ... F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li din il-Qorti għandha "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi miġjuba quddiemha" fid-dawl tal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawża odjerna għandhom jibqgħu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex tagħti s-sentenza għandha tixtarr il-provi miġjuba quddiemha sabiex tassigura li l-ħtija jew l-innoċenza ta' l-imputat tiġi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-eżitu ta' dawn il-proċeduri kriminali."*

Din is-sentenza ġiet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Diċembru, 2013.

Fil-każ tal-**Pulizija vs Mark Lombardi** deċiża mil-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta' April 2011 iddeċidiet bl-istess mod bħal fil-każ ta' Pullicino u għamlet referenza għall-każ Cadder (Appellant) v. Her Majesty's Advocate (Respondent) (Scotland) [2010] UKSC 43 u rriteniet s-segwenti:

*"F'dak l-appell il-kwistjoni li kellha quddiemha l-Qorti kienet jekk persuna li kienet mizmuma fl-Iskozja mill-Pulizija fuq suspett li kienet ikkommettiet reat kellhiex dritt ghall-avukat qabel ma tigi interrogata. Dik il-Qorti bdiet billi ezaminat jekk kellhiex tiehu* "into account any decision of the Strasbourg Court" u cjoe` l-kaz Salduz in partikolari. Hi qalet li, "This does not of course mean that these decisions are to be binding in any way upon the UK Courts" imma fl-istess hin kompliet li, *"The court should follow any clear and constant jurisprudence of the Strasbourg Court. There are degrees. But when faced with a unanimous decision of the Grand Chamber, this was, in itself, 'a formidable reason' for following it'. Salduz is a decision of the Grand Chamber, now firmly established in the European Court of Human Rights' case law".*

Fil-mertu, fil-każ **Cadder** ġie deċiż li*:*

*"The rule in Salduz is based on the right not to incriminate oneself" "The more one reads on through the judgment, however, the clearer it becomes that the Grand Chamber was determined to tighten up the approach that must be taken to protect a detainee against duress or pressure of any kind that might lead him to incriminate himself". "The guarantees otherwise offered by the Scottish legal system (in particular corroboration) are commendable but are beside the point. They do not address the European Court's concern, which is with self-incrimination* ***". "A right of access to a lawyer, which is implied in order to protect a right at the heart of the notion of a fair procedure under article 6, must itself lie near that heart.*** *For this reason, in my view there is not the remotest chance that the European Court would find that, because of the other protections that Scots law provides for accused persons, it is compatible with article 6(1) and (3)(c) for the Scottish system to omit this safeguard – which the Committee for the Prevention of Torture regards as "fundamental" – and for suspects to be routinely questioned without having the right to consult a lawyer first. On this matter Strasbourg has spoken: the courts in this country have no real option but to apply the law which it has laid down".*

Il-Qorti kkonkludiet billi*:*

*'Ir-raġuni tal-insistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minħabba l-prinċipju li ħadd m'għandu jinkrimina ruħu (każ Cadder fuq surreferit para. 33) kif ukoll biex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-akkużat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-*

*argument li altrimenti jkun diffiċli li l-Pulizija tottjeni 'conviction' mhux fattur li għandu jittieħed inkonsiderazzjoni fit-tħaddim ta' dan il-bilanċ. Il-Pulizija għandha ssib il-mezzi biex issolvi l-każijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai faċli ta' ammissjoni minn persuna investigata mingħajr l-assistenza ta' avukat."*

Fil-kawża **il-Pulizija vs Pawlu Grech** deċiża fit-3 t' Novembru 2013, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sostniet:

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-imputat ta l-istqarrija tiegħu bla ma kellu l-opportunita' li jkellem avukat qabel beda jagħmilha jew f'xi waqt hu u kien miżmum fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija. Għalkemm dak iż-żmien, fil-Kodici Kriminali kien hemm dispożizzjoni li tipprovdi għall-jedd ta' parir legali f'ċirkostanzi, din ma kinitx disponibbli lill-imputat u lill-ebda persuna li setgħet kienet tinsab fl-istess ilma tiegħu. Din iċ-ċaħda, fid-dawl ta' dak li ssemma aktar qabel, minnha nnifisha ġġib ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, marbut mal-artikolu 6(1) tal-istess; Illi l-Qorti ma tistax tilqa' s-sottomissjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukat Ġenerali li l-imputat kien ingħata twissija sa minn qabel ma ta' l-istqarrija tiegħu dwar il-jedd tiegħu li sata' jibqa' fommu sieket u li dik l-istqarrija għamilha bla theddid u bla ma kien imġiegħel. It-twissija ("caution") m'hijiex rimedju kontra l-ksur tal-jedd għaliex, kif ġa ntwera qabel, xorta waħda jsehh ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jekk il-persuna tinżamm mill-Pulizija bla ma tingħata l-opportunita' li tieħu parir mingħand avukat, imqar jekk dik il-persuna tibqa' b'fommha meħjut il-ħin kollu. Minnha nnifisha, lanqas il-fatt li l-istqarrija saret volontarjament ma hija wisq rilevanti għall-finijiet dwar jekk l-istess stqarrija tteħditx minghajr ma l-persuna li għamlitha kellha l-għajnuna ta' avukat tal-fiduċja taghha;*

Sentenza li għamlet impatt sinifikanti fuq il-ġurisprudenza ta' Malta, speċjalment fir-rigward ta' l-ammisibilta' ta' stqarrija hija dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg v. Malta** deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 u reża finali fit-12 ta' April 2016 (Applikazzjoni numru 37537/13). F'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost numru ta' konsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for*

*it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*
*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo (KI 390981M) vs Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija',** deċiża fit-23 ta' Novembru 2017, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar-rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u fil-fatt kien eżerċita dan id-dritt, u illi s-sentenza ċitati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn għal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma tħalliex ikellem avukat qabel ma tteħdulu l-istqarrija. l-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu m'huwiex illi ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħdietlu l-istqarrija (ħlief fir-rigward tat-tieni waħda), izda proprju illi l-assistent legali tiegħu ma kienx prezenti waqt it- teħid tal-istqarrija, kif jidher per eżempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur. M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma ġiex interrogat fil-presenża tal-avukat tiegħu, anke għaliex wara kollox, f'dak iż-żmien il-liġi stess ma kienitx tippermetti dan. Fis-sentenza fl-ismijiet Panovits v. Cyprus deċiża mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Diċembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings." Fuq l-istess linja ta' ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey deċiża mill-Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009*** *u ċitata fir-rikors promour tar-rikorrent intqal is-segwenti: "In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole*

*range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.'*

Il-fatt illi l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegħ mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa neċessarju li l-arrestat jitħalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod ċar fis-sentenza fl- ismijiet **Brusco v. France** deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbażat il-konklużjoni tagħha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma tħalliex ikellem avukat qabel ma ġie interrogat izda anke għaliex ma kellux aċċess għal avukat waqt l-ewwel interrogazzjoni tiegħu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jeżiġi l-Artikolu 6.

Konferma terġa aktar ċara ta' dan, tinsab fis-**sentenza fl-ismijiet Navone and others v. Monaco** deċiża mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-liġi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni, kienet leżiva tad-dritt ta' smiegħ xieraq.

Illi bis-saħħa tat-traspożizzjoni tad-'Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà' fil-Liġi ta' Malta, kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' aċċess għal Avukat fi proċeduri Kriminali jinkludi.

L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi:

*'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali*
*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni*

*konċernati jkunu jistghu jezerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*
*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*
*a. qabel ma jiġu interrogati mill-Pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*
*b. mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti ohra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*
*c. mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*
*d. fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem Qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-Qorti.*
*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*
*a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrapprezentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-Pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*
*b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-ligi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-ezercizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rregistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru koncernat;*
*c. għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat taghhom jattendi ghall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin, fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtiega jew permessa li tattendi l-att koncernat:*
*i. ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*
*ii. konfrontazzjonijiet;*
*iii.rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*
*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall-persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*
*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt*

*(c) tal-paragrafu 2 fejn iddistanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun incaħdet mil-libertà tagħha.*
*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbazi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*
*a. fejn hemm ħtiega urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fizika ta' persuna;*
*b. fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-procedimenti kriminali jigu pperikolati b'mod sostanzjali.'*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 u għas-sentenza **r-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2023 fejn fihom ġie deċiż li minkejja li l-imputati ma kienux assistiti minn Avukat waqt li kienu qegħdin jirrilaxxaw l-istqarrija tagħhom lil pulizija, xorta waħda ma kienx ġie miksur il-jedd fundamentali tas-smigħ xieraq tal-imputati kif garantit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Tajjeb li jingħad li f'dawn iż-żewġ każijiet seħħew wara l-10 ta' Frar 2010 u ż-żewġ imputati kienu rrilaxxaw l-istqarrija tagħhom lil pulizija wara li kienu kkonsultaw mal-Avukat tal-fiduċja tagħhom.

Illi fid-deċiżjoni tagħha fuq l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-Att tal-Akkuża numru: 27/2021 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Jesmond (Jesmond Mary) Vella,** mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023, il-Qorti Kriminali sostniet li jidher li hemm consensus mill-Qrati Maltin li stqarrijiet li ttieħdu **qabel l-10 ta' Frar 2010**, meta akkużat jew suspettat ma kellu l-ebda dritt ta' assistenza legali, qed jiġu ddikjarati bħala inammissibli u dan stante l-fatt illi l-akkużat jew suspettat ma kellu ebda forma ta' difiza u dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli.

F'dan il-każ l-akkużat rrilaxxa stqarrija qabel l-10 ta' Frar 2010, fejn ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, la qabel u anqas wara l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Hu ma ngħata l-ebda dritt li jfittex l-għajnuna ta' avukat la sabiex jagħtih parir legali u

lanqas biex jassistih matul l-interrogazzjoni, u dan billi dan id-dritt ma kienx mogħti bil-liġi f'dak iż-żmien. Illi minn qari tal-istqarrija, jidher illi l-akkużat, ingħata twissija fis-sens li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi iżda jekk iwieġeb dak li jgħid jista' jinġieb bħala prova. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm preġudizzju kontra l-akkużat. Għalhekk, meta ħadet in konsiderazzjoni dak kollu suiċitat, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-istqarrija tal-akkużat għandha tiġi skartata. Bl-istess mod għandu jiġi skartat dak kollu li l-uffiċjal investigattiv u prosekutur kiseb mingħand l-imputat u xehed dwarhom f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk, għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-imputat u qiegħda tiskarta l-istqarrija tal-imputat u konsegwentement l-istqarrija tal-imputat ma għandhiex titqies bħala prova f'dawn il-proċeduri.**

3. **Il-liberazzjoni tal-uffiċjal li ġie allegat li ġie korrott mill-imputat**

Din il-Qorti tqis illi l-imputat jinsab mixli b'erba' akkużi u l-argument mressaq mid-difiża dwar il-fatt li l-persuna li l-imputat allegatament ikkorrompa ma nstabx ħati ta' korruzzjoni jista jolqot biss l-ewwel u t-tieni akkuża.

Għaldaqstant dwar din l-ewwel u t-tieni akkuża din il-Qorti sejra tara x'jgħid l-artikolu relevanti tal-liġi, cioe l-artikolu 120, li jaqra hekk:

> *"120.(1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118, il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.*
>
> *..."*

Ħarsa lejn kif kienet oriġinarjament il-liġi qabel ġiet emendata, wieħed isib li minnflok l-artikolu 120, fir-rigward ta' dan ir-reat kien japplika l-artikolu 111 tal-Kodiċi Kriminali, li kien jipprovdi: *"Pel corruttore dell'ufficiale od impiegato, nei casi contemplati negli articoli 107* [illum l-artikolu 115]*, 108 e 109, si osservano le regole*

*di complicita"*. Sabiex jirriżulta dak li hemm stabbilit fl-artikolu 120(1), li huwa derivat mill-artikolu 111 tal-liġi antika, jiġifieri l-kompliċita, l-uffiċjal irid ikun wettaq ir-reat ta' korruzzjoni.

Issa f'dan il-każ il-Qorti għanda sitwazzjoni quddiema fejn din il-Qorti diversament presjeduta ma sabitx ħtija tal-uffiċjal għar-reat ta' korruzzjoni. Biss din il-Qorti xorta waħda trid tevalwa kull każ fuq il-provi mressqa mil-prosekuzzjoni u li jinsabu fil-proċess, u s-sejbien jew l-illiberazzjoni ta' terzi m'għandiex taffettwa l-kawża de quo. Jekk din il-Qorti jirriżultala mil-provi prodotti f'din il-kawża li seħħet il-korruzzjoni tal-uffiċjal, xorta waħda tista ssib il-ħtija taħt l-artikolu 120(1).

Il-Qorti timxi biex tanalizża it-tieni subartikolu tal l-artikolu 120. Huwa evidenti li l-leġislatur, konsapevoli ta' dan in-nuqqas, ħaseb sabiex iżid it-tieni (u t-tielet) subartikolu, li jaqra hekk:

> *"120. ...*
>
> *(2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin:*
>
> *..."*

Mit-tieni subartikolu joħroġ ċar illi l-persuna li kkorrompa (korruttur) ikun ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu irrispettivament jekk il-korruzzjoni sseħħx jew le, u għaldaqstant il-ħtija tal-persuna li allegatament tkun qed tiġi korrotta mhix rekwiżit għal reat taħt dan is-subartikolu.

**Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan il-fatt li dwaru nġibdet l-attenzjoni tal-Qorti mid-difiża ma għandux ixekkel lill-Qorti mill-ġudizzju tagħha fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuża.**

4. **L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat:**

*"talli f' Ġunju 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula riżoluzzjoni waħda:*

*1. irrendejt ruħek kompliċi ma' Patrick Spiteri fir-reat ta' korruzzjoni, billi kkorrompejt lill-istess Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Eżekuttiva fil-kapaċità tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 115 u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*(Dan bi ksur tal-artikolu 18 u 120 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta)"*

Il-liġi Maltija titratta l-korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku fl-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. Fl-artikolu 120(1) imbagħad iddaħħal dak li l-liġi ssejjaħ bħala kompliċita fir-reat ta' korruzzjoni, filwaqt li fil-120(2) insibu reat ieħor li jixbaħ l-elementi tat-tentattiv. Dan il punt ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Marzu 2023, Appell numru 34/2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Caruana Curran u Charles Joseph Mercieca**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Dan ir-reat ipotizzat fl-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa fattispecie awtonomu minn dak previst fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u ġustament ritenibbli bħala reat ad hoc."*

Minn dawn iż-żewġ artikoli allura joħroġ ċar li r-reati kontemplati jinvolvu l-korott u l-korruttur. In-**Novissimo Digesto Italiano** (UTET, 1957, vol. IV, v, corruzione, p. 899) jgħid hekk:

*"La corruzione si presenta sotto una duplice forma: passiva e attiva. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda cioe' il fatto dell'intraneus, pubblico ufficiale e incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, per un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio. La seconda, e cioe' lattivita', e' costituita dal fatto del corruttore; e riguarda cioe', la condotta dell'extraneus, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** għamlet eżami dwar ir-reat taħt l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u qalet hekk (ara ukoll sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-3 ta' Diċembru,

2012 bin-numru 905/2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Angelo Gafa`] vs Nicholas Dimech)**:

> *"Illi minn ezami ta' l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba'u cioe:*
>
> *1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*
> *2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.*
> *3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.*
> *4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha."*

Biss fid-dawl tal-fatt li l-imputat huwa akkużat bħala l-korruttur, dak li din il-Qorti trid tistabbilixxi huwa kemxejn differenti, stante li trid tħares lejn l-elementi mil-lenti tal-korruttur, u minn dak stabbilit bħala elementi fl-artikolu 120. Din il-Qorti se tiftaħ fuq dan il-punt u d-differenzi aktar l-isfel fil-kunsiderazzjonijiet tagħha tal-elementi meħtieġa għal sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 120.

**L-ewwel element: *in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.***

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** ċitata hawn fuq, fejn il-Qorti għamlet referenza għan noti tal-Professur Mamo, ingħad li:

> *"Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid: "The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers*

*or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.""*

I-Qorti tibda billi tfakkar li fil-kamp kriminali l-onus tal-provi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Jispetta lill prosekuzzjoni li ġġib dawk il-provi li jwasslu lill-Ġudikant għal fehma il-henn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, dwar l-elementi tar-reat. Il-Qorti ma tista tassumi xejn. Il-prova trid tirriżulta mill atti.

L-artikolu 120(1) isemmi bħala persuni li jistgħu jiġu korrotti: *"il-persuna li tikkorrompi* ***uffiċjal jew impjegat pubbliku jewmembru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xiartikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ****", cioe erba' persuni:*

a. *uffiċjal;*
b. *impjegat pubbliku;*
c. *membru tal-Kamra tad-Deputati; jew*
d. *persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ.*

F'dan il-każ ma ġiex ippruvat li l-persuna allegatament korrotta kienet xi wieħed mil-persuni msemmija hawn fuq. **Għaldaqstant fin-nuqqas ta' l-element kardinali dwar il-persuna korrotta il-Qorti mhix se ssib ħtija taħt l-artikolu 120(1).**

Il-Qorti se tgħaddi issa sabiex tanalizza l-elementi tat-tieni (2) subartikolu tal-artikolu 120. Hawnhekk il-Qorti mill-ewwel tinnota illi mal persuni li jistgħu jiġu korrotti, u li l-Qorti diġà trattat dwarhom hawn fuq, tiżdied *"persuna oħra"*. Din ġiet imdaħħla b'emenda permezz tal-Att Nru. III ta' l-2004, ċirka sentejn qabel id-data li allegatament seħħ ir-reat. Permezz ta' din l-emenda l-element tal-persuna li tista tiġi korrotta, għal dak li għandu x'jaqsam l-artikolu 120(2) m'għadux ta' relevanza peress li permezz ta' din il-bidla issa kull persuna tista' tiġi korrotta u tirrendi ruħha responsabbli kull fejn jisemmew il-kliem *"persuna oħra"* fl-artikoli relevanti tal-Kodiċi Kriminali. L-uniku element kostitwenti ta' l-Artikolu 120(2) huwa s-segwenti:

1. *il-persuna ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra tkun ġiet imħajjra mill-akkużat biex jagħmel id-delitt.*

Mix-xhieda ta' **Gaetano Zerafa** stess jirriżulta ppruvat li huwa kien il-persuna li għal perjodu twil ta' ċirka sitt snin kien jiġbor il-flus minngħand ċertu Nardu tal-ħaxix u jgħaddihom lill-Patrick Spiteri. Imbagħad mix-xhieda tal-istess **Leonard Cachia** jirriżulta li dan kien jaf lill-imputat u li kien iltaqa miegħu fit-tiġrijiet taż-żwiemel kif ukoll lis-supretendent Patrick Spiteri. Ix-xhud Leonard Cachia ikkonferma li kien mar ċertu Gejtu Zerafa u talbu xi flus liema flus kien ser jagħtihom lis-supretendent. Jgħid ukoll li l-imputat kien ġablu xi flus biex jagħtihom lil Gejtu Zerafa biss Leonard Cachia jsostni li kien hemm biss xi żewġ jew tlett okkażjonijiet. Dan jikkontrasta ma dak li jgħid Gaetano Zerafa li xehed li l-ħlasijiet dam għaddejjin xi sitt snin. Madanakollu din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-flejjes għaddew bl-intervent ta' terzi minngħand l-imputat għal għand is-supretendent Patrick Spiteri.

Biss mill-provi prodotti minn imkien ma jirriżulta x'kien l-iskop ta' dawn il-flejjes. Il-prova dwar "id-delitt" li jissemma fl-artikolu 120(1) u li l-imputat qed jiġi akkużat li ttenta jħajjar lill-Spiteri jagħmel, ġialadarba din il-Qorti m'hix se tikkonsidra l-prova tal-prosekuzzjoni magħmula bl-istqarrija tal-imputat, ma tirriżulta minn imkien. Dan id-difett huwa wieħed fatali għal prosekuzzjoni fl-ambitu ta' din l-akkuża, wieħed li se jwassal **lill-Qorti tiddikjara li ma tqisx li din l-akkuża ġiet ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi penali.**

5. **It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat:**

> *"2. u aktar talli, fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, wiegħedt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lill xi persuna oħra, u cioe lil-Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Eżekuttiva, li asserixxiet jew ikkonfermat li huwa jew hija kienu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedu uffiċjali tal-Pulizija, sabiex iġiegħel lil dawk l-uffiċjali tal-Pulizija jeżerċitaw dik l-influwenza;*
> *(Dan bi ksur tal-artikoli 18 u 121A(1) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta"*

Din l-akkuża hija bbażata fuq l-artikolu 121A(1) tal- Kodiċi Kriminali li taqra hekk:

*"121A. (1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.*

Kif diġa ngħad hawn fuq, mill-provi prodotti mil-prosekuzzjoni, għalkemm jirriżulta ippruvat il-fatt li l-imputat għadda xi flejjes lis-supretendent Spiteri, ma jirriżultax x'kien l-iskop ta' dawn il-flejjes. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-persuna li ngħatat il-vantaġġ, f'dan il-każ is-Supretendent Patrick Spiteri, kien asserixxa jew ikkonferma li huwa kien f'qagħda li jinfluwenza persuni msemmija fis-Sub-titolu IV tal-Kodiċi Kriminali li jitratta dwar 'l-Abbuż Tal-Awtorità Pubblika fuq Uffiċjali jew Impjegati Pubbliċi li Jesiġu Flus jew Ħwejjeġ Oħra Kontra l-Liġi, fuq l-Estorsjoni, u fuq il-Korruzzjoni'. Fin nuqqas ta' din il-prova, din **il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar ir-reat ravviżat fl-artikolu 120A(1) tal-Kodiċi Kriminali u se tkun qed tilliberaħ minn din l-akkuża.**

6. **It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat:**

*"3. u aktar talli, fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamilt jew ppruvajt tagħmel jew b'xi mod kellek x'taqsam ma' l-egħmil ta' xi mħatra magħduda li għandha x'taqsam ma' xi logħba, sport jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor, jew li kont preżenti fil-post fejn kienet qed issir xi mħatra bħal dik;*
*(Dan bi ksur tal-artikoli 18 tal-kapitolu 9 u artikolu 6 tal-kapitolu 438 tal-liġijiet ta' Malta)"*

Jingħad fir-rigward ta' din it-tielet akkuża li l-prosekuzzjoni indikat l-artikoli 18 tal-kapitolu 9 referibbli għar-reat kontinwat, u l-artikolu 6 tal-kapitolu 438 tal-liġijiet ta' Malta li llum huwa abrogat. Il-Qorti pero tqis illi l-akkuża li biha jinsab akkużat l-imputat ma tinkwadrax taħt l-imsemmi artikolu 6 tal-kapitolu 438 iżda hija bbażata fuq l-artikolu 338(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, cioé bħala kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku.

Sussegwentement wara l-istadju tal-kumpilazzjoni l-Avukat Ġenerali għoġbu jibgħat in-nota tar-rinviju bl-artikoli kif hemm maħsub fl-artikolu 370(3)(a) li dwarhom l-imputat kellu jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti se tibda biex tikkwota sentenza ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2021 ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Louise Calleja) vs Kevin Amato,** fejn wara li l-Qorti ċċitat mis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deċiża mil-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001 dwar ir-rwol simili tan-nota tar-rinviju bl-artikoli u l-att tal-akkuża, il-Qorti imbagħad sostniet hekk:

> *"Fil-każ odjern, l-Avukat Ġenerali bagħat in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Effettivament, f'din in-nota, l-uniku reat li bih ġie akkużat l-imputat huwa r-reat ravviżat fl-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali. L-Artikoli l-oħra kollha elenkati mill-Avukat Generali f'din in-nota ta' rinviju huma fir-realta, konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija (Artikoli 17, 18, 31, 119) jew żieda fil-piena (Artikolu 141) jew sanzjonijiet addizzjonali kontemplati mil-leġislatur f'każ ta' sejbien ta' htija (Artikoli 23 u 533).* ***Konsegwentement din il-Qorti tista' issib lill-imputat ħati biss tar-reat kontemplat f'din in-nota, u ma tistax issib lill-imputat ħati ta' xi reat ieħor, salv, naturalment, dak li għadu kif ingħad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi iżda kompriż u involut, u l-kompliċita`, jekk ikun il-każ.*** [enfażi tal-Qorti]*"*

Fil każ in deżamina jirriżultaw fattispeċje simili għal dak fis-sentenza ċitata hawn fuq. **Ġialadarba l-għemil ravviżat fl-akkuża essenzjalment m'huwiex l-għemil ravviżat taħt l-artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju bl-artikoli, din il-Qorti ma tistax issib ħtija dwar din l-akkuża.**

Jingħad ukoll li l-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta ġie abrogat fil-mori tal-proċeduri u dan bis-11 saħħa tal-Att XVI tas-sena 2018 b'effett mill-1 ta' Jannar 2019. Issa din il-Qorti se tapplika l-liġi l-aktar favorevoli, in ottemperanza mal-prinċipju li kull meta jkun hemm tibdil fir-reat mid-data tal-allegat għemil li ta' lok għal akkuża, sas-sentenza tal-Qorti, cioé r-rat taħt l-artikolu 338(ii) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu huwa ta' natura kontravvenzjonali, u l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa ta' tliet xhur. **Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-imputat ġie notifikat f'dan it-terminu,**

**għaldaqstant l-akkuża tirriżulta preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali, u minbarra r-raġunijiet msemmija hawn fuq rigwardanti n-nota tar-rinviju bl-artikoli, għal din ir-raġuni biss ma tistax tinstab ħtija għal-din l-akkuża.**

7. **Ir-raba imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat:**

> *"4. u aktar talli, fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamilt lottu klandestin jew ġbart il-flus tal-ġugati fuqu, jew b'xi mod għand jew ħajjart f' daqshekk;*
> *(Dan bi ksur tal-artikoli 18 tal-kapitolu 9 u artikolu 12 tal-kapitolu 70 tal-liġijiet ta' Malta)"*

Din l-akkuża hija bbażata fuq l-artikolu 12 tal-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta li bħall-Kapitolu 438 ġie abrogat fil-mori tal-proċeduri u dan bis-saħħa tal-Att XVI tas-sena 2018 b'effett mill-1 ta' Jannar 2019. Bis-saħħa tal-istess Att daħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda dwar il-logħob magħruf bħala l-Att dwar il-Logħob, Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieset sew il-kliem użat f'din l-akkuża li dwarhom il-Qorti tista ssib il-ħtija, u dan dejjem jekk l-għemil kostitwenti msemmi hawn fuq jaqa taħt xi wieħed mill-artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju bl-artikoli. Din il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-elementi msemmija fl-akkuża ma jirriżultawx fir-reati l-ġodda li ġew miġbura fil-Kapitolu 583 u r-regolamenti li jaqgħu taħtu, u dan peress li l-kliem "*lottu klandestin*" li fil-Kapitolu 70, illum abrogat, kien definit fl-Artikolu 12 m'huwiex definit fil-Kapitolu 583 jew xi leġislazzjoni oħra, u għaldaqstant jinħoloq dubbju dwar x'jikkostitwixxi dan il-lottu, liema dubbju jmur favur l-imputat.

Għaldaqstant din il-Qorti m'hijiex se ssib ħtija dwar din l-akkuża.

8. **Ir-reċidiva:**

> *"u b'hekk int, Emmanuel Spiteri, sirt reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta b' diversi sentenzi mogħtija mill-qorti tal-maġistrati (Malta) diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;"*

**Peress li din l-akkuża hija konsegwenzjali għal-akkużi l-oħra, u li dwarhom din il-Qorti mhix se ssib ħtija, il-Qorti lanqas ma tista ssib ħtija dwar din l-akkuża u se tkun qed tillibera lill-imputat minna.**

## C. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat **Emmanuel Spiteri,** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 12363M ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM----------------------------**